# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Jannar 2025**

**Avviż Nru: 200/2024**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Kevin Bugeja (K.I. 509789M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tal-bank attur mressaq fl-20 ta' Settembru 2024[1], flimkien mad-dokumentazzjoni hemm imressqa, permezz ta' liema l-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lil konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' disat elf, sitt mitt Ewro u disa' ċenteżmi (€9,600.09ċ) rappreżentanti bilanċ ta' self mogħti u mhux imħallas lura skond dak miftiehem. F'dan l-ammont hemm ukoll inkluż imgħax diġà akkumulat[2].

---

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] Skond Dok A li jinsab a fol 2 tal-proċess, l-ammont huwa maqsum hekk: €5,630.26ċ bħala bilanċ mill-kapital u €3,969.83ċ imgħax.

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ottubru 2024[3].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2024[4] fejn irriżulta li l-konvenut, għad li kien ġie debitament notifikat[5] għażel li ma jressaqx risposta formali jew li jirreġistra dehra. Dakinhar tressaq kapitolu fil-konfront tal-konvenut[6].

Dakinhar il-kawża ġiet imħollija għall-provi kollha.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2024[7], fejn il-konvenut ma deherx u b'hekk il-kapitolu msemmi aktar qabel ġie dikjarat bħala mistqarr. Dakinhar instemgħet ukoll ix-xhieda ta' Michelle Vella[8] u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru 2024[9], fejn għar-raġunijiet hemm indikati, l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, il-konvenut għażel li ma jweġibx formalment għal din l-azzjoni u lanqas jirreġistra dehra fihom.

[3] A fol 13 tal-proċess.
[4] A fol 17 tal-proċess.
[5] Timbru relattiv jinsab *a tergo* ta' fol 16 tal-proċess.
[6] A fol 17A tal-proċess.
[7] Verbal relattiv jinsab a fol 18 tal-proċess.
[8] Din tibda a fol 19 tal-proċess.
[9] A fol 23 tal-proċess.

Illi f'din l-azzjoni, s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas lura tal-ammont ta' disat elf, sitt mitt Ewro u disa' ċenteżmi (€9,600.09ċ) rappreżentanti bilanċ ta' self mogħti u mhux imħallas lura skond dak miftiehem.

Illi huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[10]. Jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[11].

Illi fi kliem il-liġi[12] il-kuntratt ta' self huwa dak li bih wieħed jagħti lil persuna oħra kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità. Fil-każ, tagħna, ġaladarba is-self kien ta' flus, l-obbligu tar-rimbors huwa daqs l-ammont riċevut bil-valur

---

[10] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et*,** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm lattur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

[11] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

[12] Artikolu 1842 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

legali fiż-żmien il-ħlas[13]. Magħdud ma dan, huwa permess li l-partijiet fil-kuntratt jiftehmu fuq l-imgħax li għandu jitħallas fuq l-ammont hekk misluf[14].

Illi f'każ bħal dan (faċilita bankarja) huwa aċċettat ukoll li radd lura tas-somma mislufa jista' jseħħ bi żmien miftiehem[15], benefiċċju dan li huwa mogħti lid-debitur tal-obbligazzjoni[16]. Jekk isseħħ xi ċirkostanza miftehma bejn il-partijiet li tagħti lok għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien, allura hemmhekk il-kreditur ikun jista' jitlob il-ħlas tal-ammont kollu immedjatament[17].

Illi mill-atti jirriżulta li dan is-self beda fl-10 ta' Diċembru 2024 u wara xi ftit pagamenti, jirriżulta li l-konvenut wettaq l-aħħar pagament fis-16 ta' Novembru 2015[18]. Billi ma ġie effetwat l-ebda pagament ulterjuri, l-bank attur ressaq ittra uffiċjali fit-22 ta' Lulju 2024[19]. Il-konvenut baqa' ommissiv fir-rigward tal-obbligazzjonijiet tiegħu u b'hekk infetħu dawn il-proċeduri.

Illi mix-xhieda mressqa mill-bank attur u mill-provi dokumentarji mressqa, din il-Qorti ssib li l-azzjoni ġiet ipprovata b'mod komplet. Dan qiegħed jingħad magħdud mal-fatt li l-konvenut ma ġab l-ebda ħjiel ta' prova kontrarja. Apparti minn hekk, il-Qorti għanda wkoll il-prova bis-subizzjoni tal-istess konvenut[20], u

---

13 Artikolu 1844 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
14 Artikolu 1850(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
15 Applikabbli hawn l-artikolu 1070(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
16 Artikolu 1073 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
17 Ara f'dan is-sens dak li ġie raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c vs Avv. Josette Sultana *noe et.*** (Rik Maħluf 607/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Diċembru 2021 (mhux appellata).
18 Rendikont jinsab a fol 2 tal-proċess.
19 Debitament notifikata. Din tinsab a fol 10 tal-proċess.
20 Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia miżżewġin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9

ma ssib xejn kontrastanti[21] bejn il-provi miġjuba mill-bank attur u s-subizzjoni tal-konvenut[22]. L-istess jingħad għat-talba tal-imgħax ulterjuri, li qiegħed jintalab mis-7 ta' Settembru 2024[23].

---

ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

[21] F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Vincent Falzon vs Jane Debono,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Marzu 1984.

[22] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".* Utli wkoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Leonard Incorvaja vs Manuel Camilleri et,** (App Nru: 370/02) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-4 ta' Ġunju 2018 fejn propju aggravju dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma kinitx qieset il-fatt tal-kapitolu bħala determinati ġie miċħud wara li sar dan ir-raġunament: *"Għalkemm huwa veru li l-kapitolu għandu jitqies bħala konfessjoni meta s-subent ma jkunx deher il-qorti sabiex iwieġeb u ma jkunx iġġustifika n-nuqqas, pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-qorti għandha toqgħod dejjem fuq il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni għandha tiġi eżaminata flimkien mal-provi l-oħra tal-kawża, b'mod illi jekk il-kapitolu ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-ġudikant jidhirlu li għandu jagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, l-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni iċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra. Fis-sentenza Fenici Insurance Agency Limited nomine vs Paul Stoner et tat-22 ta' Novembru 2002, din il-qorti qalet: "Il-Qorti tagħmel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attriċi. Dan għaliex skont il-liġi 'l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt…." (Art. 694(2)). Aktar rilevanti hu s-subinċiż (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull każ tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss tal-ammissjoni li l-Qorti jidhrilha li tistħoqq li tkun emmnuta".*

[23] Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak enunċjat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs L-Avukat Dr. Anthony Cutajar *noe et,*** (Rik Maħluf Nru: 1122/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Lulju 2022 (mhux appellata).

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur u tikkundanna lil konvenut iħallas lill-bank attur l-ammont ta' disat elef u sitt mitt Ewro u disa' ċenteżmi (€9,600.09ċ) bl-imgħax legali ulterjuri mis-7 ta' Settembru 2024 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, tal-ittra uffiċjali[24] u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju msemmi fl-Avviż promotur[25], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[24] Kopja eżebita a fol 11 tal-proċess.
[25] Dan ġie debitament imressaq u jinsab a fol 21 tal-proċess.